MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 3/1984/2

Mario Caruana
vs
X

Il-Qorti,

**A. DIKJARAZZJONI:**
Rat id-dikjarazzjoni ta' Mario Caruana, kummercjant bil-hwienet ta' "household goods" li fiha semma:

Li huwa kien issospenda l-pagamenti lejn il-kredituri tieghu u kien qieghed jiddikjara falliment filwaqt li esebixxa nota li tindika l-isem, il-kunjom, l-indirizz tal-kredituri tieghu u l-ammont u nature tal-kreditu taghhom u pproduca u esebixxa l-kotba tal-kummerc tieghu.

Rat il-lista tal-kredituri fol 2;

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali u Gazzetta tal-Gvern;

Rat is-sejha lill-kredituri biex jidhru quddiem il-Qorti u jghidu ghaliex id-debitur taghhom m’ghandux jigi dikjarat fi stat ta’ falliment u jigu mahtura l-kuraturi.

Rat il-verbal tat-22 ta’ Ottubru 1985 fejn Mario Caruana filwaqt li esebixxa lista tal-kredituri tieghu u l-kotba u l-karti tan-negozju tieghu ghamel dikjarazzjoni li hu waqaf milli jhallas u li hu fi stat ta’ falliment, u giet iffissata seduta biex jidhru l-partijiet interessati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat id-digriet tat-2 ta’ Dicembru, 1985 li bih gie dikjarat u deciz li Mario Caruana hu fi stat ta’ falliment u li waqaf mill-pagamenti fl-24 ta’ Novembru 1984 salv li tigi stabbilita kwalunkwe data ohra verjuri f’kull zmien fil-kors tal-proceduri tal-falliment. Gew nominati Dr. Edward Debono u s-Sur Joseph Farrugia bhala kuraturi biex jadempixxu d-doveri moghtija lill-kuraturi mill-Kodici Kummercjali (Kap 17).

Rat id-digriet tas-27 ta’ Gunju 1988 li bih Dr. Richard Galea Debono gie nominat kuratur tal-falliment in sostituzzjoni ta’ Dr. Edward Debono u s-Sur Joseph Farrugia.

Rat id-digriet tat-8 ta’ Mejju 1989 li bih Dr. Raymond Pace gie nominat bhala kuratur tal-falliment flok Dr. Richard Galea Debono.

Rat id-digriet tal-21 ta’ Lulju, 1989 li bih il-kuratur tal-falliment gie awtorizzat jirrinunzja ghall-kirja tal-hwienet imsemmija fir-rikors ta’ Alfred Baldacchino u jikkunsinna c-cwievet taghhom lil Alfred Baldacchino (ir-rikorrent nomine) u jhallilu l-pussess liberu taghhom (jigifieri tal-hwienet in kwistjoni), purche` simultanjament ir-rikorrent jirrinunzja ghall-kera akkumulata u l-pendenzi dovuti lilu in materja.

Rat id-digriet tas-17 ta' Gunju 1998 li bih Dr. Veronica Galea Debono giet nominata kuratrici tal-falliment minflok Dr. Raymond Pace li gie elevat ghall-gudikatura.

Rat id-digriet tas-26 ta' Jannar 1999 li bih Dr. Louis Cassar Pullicino gie nominat kuratur tal-falliment minflok Dr. Veronica Galea Debono.

Rat id-digriet tal-21 ta' Marzu 2005 li permezz tieghu l-kredituri ta' Mario Caruana gew avzati ghas-seduta tal-24 ta' Mejju 2005 fl-10.30 a.m. biex issir fl-awla a tenur tal-artikolu 510(3), u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetta lokali. Gew mghajjta ripetutament il-kredituri izda ma deher hadd, u gew moghtija l-fakulta` li jipprezentaw rikorsi sal-31 ta' Mejju 2005 (a tenur tal-arikolu 511 tal-Kap 13).

Rat ir-rapport ta' Dr. Louis Cassar Pullicino li fih semma:

"Illi l-artikolu 510(2) tal-Kodici tal-Kummerc (Kap 13) jipprovdi li wara li jitlesta l-inventarju u l-lista tal-kredituri ghandha tissejjah laqgha tal-kredituri fuq ordni tal-Imhallef b'avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta ohra.

Illi in effetti l-laqgha tal-kredituri giet ordnata mill-Imhallef sedenti matul is-seduta tal-25 ta' Novembru 2004 u b'dan li kellha tinzamm il-Qorti quddiemu stess fit-22 ta' Frar 2005 fil-11.00 a.m. Billi sa dak in-nhar ma kienx ghadu gie pubblikat l-avviz fil-Gazetta tal-Gvern, il-laqgha giet differita ghas-seduta tal-24 ta' Mejju 2005 fl-10.30 am.

Illi minkejja li gew pubblikati l-avvizi fil-Gazzetta tal-Gvern fl-24 ta' Marzu 2005 u fil-harga ta' The Times tat-22 ta' April 2005, kif kontemplat fl-artiklu 510 (2) tal-Kap. 13, ma deher hadd mill-kredituri matul is-seduta tal-24 ta' Mejju 2005.

Illi minkejja dan, din l-Onorabbli Qorti tat il-fakulta` lill-kredituri sabiex jippresentaw rikors opportun sal-31 ta' Mejju 2005 in sostenn tal-kreditu taghhom u giet iffissata seduta finali quddiem l-esponent fis-6 ta' Gunju 2005

b’dan li l-esponent gie awtorizzat li jirrelata fuq dak li jkun sar sas-6 ta’ Gunju 2005.

Illi in effetti matul is-seduta li giet ordnata mill-Qorti fis-6 ta’ Gunju 2005, kienu prezenti biss Mario Caruana u l-avukat tieghu Dr. Stefano Filletti. Hadd mill-kredituri ma pprezenta ruhu ghal din is-seduta u lanqas jidher li gew intavolati xi rikorsi sad-data stabbillta kif ordnat mill-Qorti.

Illi fic-cirkostanzi l-esponent ma jista’ jirrelata fuq l-ebda kreditu billi ma gie prezentat ebda rikors mill-kredituri kif kontemplat fl-artiklu 511 tal-Kap. 13 u wisq anqas saret xi prova tal-kreditu b’mod illi tali kreditu jew krediti setghu jigu verifikati kif titlob il-ligi.

Illi fic-cirkostanzi jidher evidenti illi l-kredituri tal-fallut Mario Caruana ma ghandhomx aktar interess u fin-nuqqas tal-prova tal-krediti dawn il-proceduri ma jistghux jimxu ‘l quddiem.

Daqstant l-esponent ghandu x’jirrelata f’dan l-istadju.”

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET U KONKLUZJONIJIET:**

Illi din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet peritali u ma ghandha xejn x’timmodifika u ghalhekk peress li irrizulta li l-kredituri tal-fallut Mario Caruana m’ghandhomx aktar interess, u f’nuqqas tal-prova tal-krediti tiddikjara li dawn il-proceduri ma jistghux jimxu ‘l quddiem.

Spejjez kontra Mario Caruana.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------